SANNAT

Minuti tar-raba' laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju 2013 fil-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Frances Galea |
| | |
| | Joseph Bajada |
| | Maria Cassar Sultana |
| | Margaret Said |
| | |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza dwar l-attivita' Notte Scarlatta li ser issir fl-1 u t-2 ta' Ġunju 2013.

**Item 1 L-attivita' Notte Scarlatta**

8. L-attivita' Notte Scarlatta ser issir b'risq Puttinu Cares. Għal din l-attivita' ser tintalab l-għajnuna tal-Ministru għal Għawdex.

Dan l-avvenament ser jkun jikkonsisti f'dawn l-attivitajiet:

**Is-Sibt 1 ta' Ġunju 2013**

Esebizzjoni tal-bizzilla mtellgħa minn Consiglia Azzopardi. Ser issir preżentazzjoni minnha stess dwar il-bizzilla.

Giorgina Gauci din is-sena ma tistax tieħu sehem fl-attivita' għaliex hi impenjata u għalhekk ser issir ikla tradizjonali organizzata mill-Għaqda tan-Nar. Din ser tibda fit-8.00 p.m. Għal din l-ikla ser tintbagħat ittra ġo djar fil-lokalita' sabiex ikunu jistgħu jibbukjaw faċilment. Fil-pjazza ser isir żfin u kant fl-istess ħin. Fid-9.0 pm ser ikun hemm il-bands li huma n-Novel Band, Spectrum Band u Colour Blind Band.

Il-Ħadd 2 ta' Ġunju 2013

Fid-9.00 am ser ikun hemm Car show fil-pjazza Santa Margerita. Għandu jsir ukoll hair dressing b'risq Puttinu Cares. Jekk possibbli dan isir f'wieħed mill-każini. Ikun hemm ukoll wirja tal-artiġjanat fil-pjazza.

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

Fil-5.00 p.m. isir it-tberik tal-annimali u marċ mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita, wirja tal-Marshal Arts, żfin u kant. Ser issir l-ikbar ftira Għawdxija u d-dħul imur għal Puttinu Cares. Għandu jittella' l-musical "Il-Klassi ll Z" mill-iskola ta' George Mizzi. Dan ser isir bi ħlas ta' €200.

Filgħaxija ser ikun hemm il-Cash & Band u grupp Ingliż.

L-Għaqda tal-Armar għandhom jieħdu ħsieb l-armar tal-bandalori.

Is-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita jixtiequ jagħmlu wirja fil-każin bħala parti mill-attivitajiet. Huma għandhom bżonn tal-boards. Peress li l-boards tas-Sezzjoni tal-kultura huma fi stat ħażin sar qbil li jinxtara l-materjal u jinħadmu mill-ħaddiema li hemm il-Kajselli .

Inħarġet is-sejħa għal kwotazzjonijiet li huma tal-provdiment tal-P.A. System,  tas-sound u tad-dawl. Għandhom jinġiebu *hand quotations* għal flyers A5, għal posters fuq il-boards u posters A3. Jekk possibbli għandu jsir arranġament sabiex jinġiebu xi reklami fuq il-flyers.

Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser jingħata €1,000 bħala għajnuna finanzjarja taħt l-iskema Attivitajiet Kulturali skond Memo 38/2012. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-vot għall-ospitalita' u servizzi kommunitarji ġa ntefaq. Is-Sindku qal li nieħdu flus mill-voti oħra.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eúekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747  Fax: 21563535